# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 12 ta' Lulju, 2018**

**Rikors Numru: 128/2017 JPG**

**Kawza Numru: 19**

**Fl-Atti tas-Subbasta 27/16 fl-ismijiet:**

**Frank Borda Ltd (C -446)**

**VS**

**Bezzina Raymond detentur tal-karta ta' l-identita numru 737262(M), Bezzina Maria Dolores sive Doris Bezzina detentrici ta' l-karta tal-identita numru 170865(M), Bezzina Car Hire Company Limited (C -17654)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-intimati Raymond Bezzina et, datat 9 ta' Frar 2017, (vide fol 1 et seq), li jaqra hekk:

1. *Illi huma ghadhom kemm gew notifikati b'avviz b'appuntament ta' din is-Subbasta. In effetti qed jiddikjara li huwa ma kienx jaf b'din is-Subbasta u bl-appuntament taghha qabel illum;*

2. *Illi l-vetturi li taghhom qed jintalab il-bejgh b'subbasta, kienu diga inghataw lis-socjeta rikorrenti minn l-intimati stess, u dan permezz ta' ftehim illi l-partijiet kienu lhaqu bejniethom qabel ma gie ntavolat il-Mandat li ta lok ghal din is-Subbasta;*

3. *Illi fil-fatt il-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet kien fis-sens li l-vetturi jigu ritornati a saldu tal-pretensjonijiet kollha tas-socjeta rikorrenti;*

4. *Illi dan jirrizulta anke mill-fatt illi ghal numru sostanzjali ta' dawn il-vetturi, l-esponenti kien iffirma l-log book taghhom sabiex is-socjeta rikorrenti tkun tista' facilment u liberament taghmel it-trasferiment taghhom;*

5. *Illi filfatt, s-socjeta rikorrenti diga bieghet, xi whud mill-vetturi hekk ikkonsenjati lilha;*

6. *Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti diga gie saldat;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tisospendi s-subbasta fl-ismijiet premessi u dan taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-Risposta tas-socjeta Frank Borda Ltd (C 446) datata 16 ta' Frar 2017, (vide fol 5 et seq), li taqra hekk:

1. *Illi t-talba ghandha tigi michuda u dan billi l-esponenti ghandhom titolu ezekuttiv u sussegwentement gie segwit permezz ta' mandat ta' sekwestru*

*fuq il-vettur relattivi. Mill-ezami tar-riferti ta' notifika jista' jinduna li ma tantx kien hemm ko-operazzjoni mill-intimati.*

2. *Huwa minnu li l-intimat/intimati sussegwentement kkoperaw sabiex il-vetturi jinbieghu u jigu kreditati fil-kont spettanti lill-esponenti izda wara dan irrizulta li dawn il-vetturi kellhom multi sostanzjali ta' traffic offences kif ukoll licenzji mhux imhallsa u late payment fines u minhabba f'hekk ma setghax isir it-transfer relattiv. Is-socjeta esponenti qatt ma accettat li taghmel tajjeb ghal dawn il-multi li skont il-prospett hawn anness jirrizulta li huma sostanzjali, u dawn ma jinkludux ammonti ohra dovuta minhabba late payment u licenzji mhux imhallsin.*

3. *Kien proprju ghalhekk illi l-esponenti ma kellhomx alternattiva hlief li jipprocedu bil-proceduri ta' subbasta billi l-ligi tistipula illi f'kaz simili, meta l-vettura tigi akkwistata lura mill-venditur huwa ma jkunx responsabbli ghal tali multi u licenzji. Qatt ma kien hemm intiza li l-esponenti jaghmlu tajjeb ghal dan.*

4. *Apparti dan il-vetturi huma vicin il-5 snin li ilhom fit-triq. Kienu wzati ghall-kiri bhala self drive u diversi minnhom ghandhom daqqiet u hsarat. Il-kondizzjoni taghhom m'hijiex tajba u effettivament dan huwa kaz fejn is-socjeta esponenti "he is cutting his losses" minhabba li l-intimati ghandhom diffikultajiet kbar finanzjarji.*

5. *Finalment, stante d-diffikulta li l-intimat/intimati jigu notifikati bl-atti tas-subbasta, l-esponenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti, fl-eventwali decizjoni taghha, apparti li tichad it-talba ta' Bezzina, tappunta s-subbasta mill-gdid u li tali decizjoni titqies bhala gia notifikata lilhom stante li qed tinghata fl-atti proposti minnhom stess.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni taghha nhar l-10 ta' Jannar, 2018, vide fol 159;

Rat ir-rikors ta' Frank Borda Limited (C 446) a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 326 (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datat 17 ta' Jannar 2018, a fol 168, li jaqra hekk:

*Rikors ta' Frank Borda Limited (C 446) a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 326 (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Illi permezz tad-digriet fuq imsemmi, l-Qorti ssospendiet is-subbasta fl-ismijiet premessi ghaliex il-Qorti dehrilha illi:*

*a) L-esponenti ma kellhiex titolu ezekuttiv dwar il-multi;*

*b) Li l-Qorti kellha dubji dwar jekk issir is-subbasta, li l-esponenti ma tkunx obbligata thallas tali multi;*

*c) Li s-socjeta' ezekutanti ma tistghax tippretendi li tiehu lura l-vetturi in kwistjoni kif ukoll tithallas il-bilanc dovut ghalihom.*

*<u>Dwar il-kreditu</u>*

*Illi f'dan ir-rigward jigi rilevat illi l-ammont mitlub mill-esponenti li huwa mertu tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 2016 huwa l-import ta' 110 kambjala skaduta ta' €200-il wahda u 142 kambjala skaduta ta' €193-il wahda fil-valur komplessiv ta'* ***€49,406.***

*L-imsemmija ittra ufficjali saret a tenur tal-Art 253 (e) tal-Kap 12 u l-intimati kellhom dritt jissospendu l-ezekuzzjoni ta' din l-ittra ufficjali permezz ta' rikors apposta fi zmien 20 gurnata. Tali rikors ma giex prezentat u ghalhekk l-ittra ghandha forza ta' titolu ezekuttiv.*

*Dan huwa kreditu li gie hekk rez ezekuttiv ghadu dovut <u>fl-intir</u> sal-lum.*

*L-esponenti kull ma trid huwa li tithallas dan il-kreditu u stante illi d-debitur ma hallasx dan il-kreditu, hija ghandha dritt skond il-ligi illi tezigi l-pretensjonijiet taghha fuq il-proprjeta' tad-debitur komprizi l-4 vetturi in kwisjtoni.*

*Illi s-socjeta' esponenti zgur mhux se tigi sodisfatta fil-kreditu bil-bejgh ta' dawn l-erba' (4) il-vettura u dan stante illi ghalkemm fl-eventwali subbasta l-esponenti tista' tkun il-bidder li jirnexxila takkwista dawn il-vetturi, il-vetturi gew ritornati wara numru ta' snin ta' wzu fl-industrija tal-car hire u b'valur sostanzjalment ridott. Tkun proprju s-subbasta li tiddetermina l-prezz tas-suq.*

*Jekk hemm xi hadd li qed jaghmel unjustified enrichment huwa proprju d-debitur li ha l-krema tal-vetturi u issa gew maqbuda meta l-valur taghhom naqa konsiderevolment – sadanittant l-intimat gawda u ghamel business bil-kiri ta' vetturi godda ghal numru ta' snin. Dahhal il-flus izda ma hallas ghal kambjalijiet skaduti – mhux ta' dawn l-4 biss izda tat-33 karozza li xtara.*

*Fis-subbasta de quo huwa biss dan il-kreditu li l-epsonenti qed tipprova tezegwixxi. Xejn izjed u xejn iktar.*

<u>*Dwar l-Multi*</u>

*Il-Qorti wkoll irrimarkat illi kellha d-dubji serji dwar jekk bil-process tal-bejgh bis-subbasta kienx possibli li wiehed ma jhallasx il-multi li gew impost. Effettivament dan huwa aspett li huwa regolat specifikament bil-ligi u skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 56 tal-Kap. 65 huwa specifikat kif ser jinghad.*

> **56.** *Meta tinghata multa jew ammenda minn qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, jew meta Kummissarju ghall-Gustizzja jkun ghamel ordni ghall-hlas ta' penali bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummissarji ghall-Gustizzja, li jkollha x'taqsam ma' reat li jikser id-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza li jsir bl-uzu ta' xi vettura bil-mutur, u dik il-multa, ammenda jew piena, skont il-kaz, ma tkunx thallset, l-Awtorita' ghandha tieqaf milli ggedded il-licenzja ta' dik il-vettura bil-mutur meta din tiskadi sa dak iz-zmien meta jsir il-hlas tal-multa, ammenda jew penali:*
>
> ***Izda dan l-artikolu m'ghandux japplika fil-kaz fejn it-tigdid ta' licenzja, it-tibdil fl-isem tas-sid registrat jew it-trasferiment tal-licenzja tal-vetturi fir-rigward ta' dik il-vettura jkun sehh bhala rizultat li dik il-vettura tkun giet***

> ***akkwistata permezz ta' bejgh b'irkant, li jkun sar taht l-awtorita' tal-Qrati, mill-bejjiegh originali tal-vettura minhabba fil-fatt li ma jkunx thallas il-prezz tax-xiri.***
>
> *Illi s-socjeta' esponenti mhux qed tippretendi u qatt ma ippretendiet li ghandha titolu ezekuttiv konta l-intimati dwar l-multi. Hija titlob li tavalla ruhha minn dritt moghti lilha skond il-ligi – ligi li giet introdotta recentement u propju biex tolqot kazijiet bhal dawn.*
>
> *Illi ghalhekk is-socjeta' esponenti hija tal-fehma illi huwa l-kaz li fl-imsemmija decizjoni tal-10 ta' Jannar 2018 l-Qorti kienet zvijata.*
>
> *Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li fid-dawl tal-premess, din il-Qorti joghgobha tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha fuq imsemmi u tawtorizza l-kontinwazzjoni tal-istess process tas-subbasta.*

Rat ir-risposta tal-intimati tal-21 ta' Marzu 2018 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti gew notifikati bir-rikors tas-socjeta rikorrenti permezz tal-affissjoni li sabuha nhar l-Erbgha, erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), bi zmien gimgha ghar-risposta;*

***Illi l-esponenti joppunu ghat-talba tas-socjeta rikorrenti*** *fejn qed titlob ir-revoka contrario imperio tad-digriet de quo.*

*Illi preliminarjament, ir-rikors odjern huwa irritu u null u dan stante li m'hix il-procedura idoneja biex jintalab ir-revoka ta' digriet fl-atti ta' mandat bhal ma huwa l-kaz odjern.*

*Illi f'dan is-sens issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet: Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 3507/00 fl-ismijiet Paul Tanti f'ismu proprju u bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Paul Tanti, Connie Tanti, Joyce Tanti, Stephen u Maria konjugi Tanti, John Tanti, u CST Limited vs Sammy u Joseph ahwa Mifsud f'isimhom proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' ta' Tunis Limited, gia Mifsud Quarries Co. Ltd (Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru 2001; Rikors Nru. 2259/2000 AJM) fejn intqal hekk:-*

> *"Hija gurisprudenza ta' dawn il-Qrati (vide Rikors ta' Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Awissu 1953 [Kollez. Vol. XXXVII.i.519]) illi hemm tlett xorta ta' digrieti, cioe' dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti hemm appell,ghat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m'huwiex digriet interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah permezz ta' appell dirett izda biss permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet. U mis-sentenza li tinghata fuq dik ic-citazzjoni jista' jkun hemm anke appell."*
>
> *Il-Qorti Kostituzzjonali rribadiet illi digrieti dwar mandati kawtelatorji bhalma huma dak ta' inibizzjoni u mandat ta' sekwestru, ma setghux jitqiesu definitivi "ghax ma hemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas ir-rabta lill-Gudikant, lanqas ma jista' jigi kunsidrat bhala interlokutorju. Lanqas ma huwa parti incidentali tal-gudizzju izda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat relattiv. <u>Id-digriet huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li taghtu fuq talba b'citazzjoni</u> ta' l-interessat meta fil-gudizzju diskrezzjonali taghha, l-Qorti tara raguni tajba biex tiggustifika r-revoka, salv lill-qorti fi grad ta' appell is-setgha li tirrevoka s-sentenza relattiva fil-kaz ta' vjolazzjoni tal-ligi jew errur manifest u dannu rriparabbli jew raguni ohra tajba skond il-ligi." (Vol.XXXVII.i.519, Vol. XXXVIII.i.336, Vol. XLVI.i.24)." (enfazi mizjud)*

*Illi ghalhekk kjarament dan it-tip ta' digriet huwa la interlokutorju u lanqas definittiv. Konsegwentement skont is-sentenza precitata, t-talba trid issir permezz ta' rikors guramentat u mhux ta' rikors semplice. Fil-fatt is-sentenza ssemmi "citazzjoni" li llum giet sostiwita b' "rikors guramentat" ossia kawza.*

*Illi kwindi fuq hekk biss it-talba ghandha tigi michuda.*

*Illi minghajr pregudizzju pero u fil-mertu it-talbiet ukoll huma nfondati u ghandhom jigu michuda.*

*Illi kienet korretta l-ewwel Qorti meta tenniet illi jekk tippermetti li ssir is-subbasta tas-socjeta rikorrenti tigi li arrekkiet ruhha indebitament a skapitu ta' l-esponenti. Il-Qorti gustament kkonkludiet illi l-vetturi in kwistjoni kienu gew ritornati lis-socjeta rikorrenti anke ghaliex wara kollox dawn kienu ghadhom suggett ta' kuntratt ta' hire purchase. Jirrizulta ghalhekk illi*

*d-dejn fuq il-vetturi in kwistjoni kien imhallas ferm qabel ma gew inizzjati l-proceduri tas-subbasta.*

*Illi din il-Qorti fehmet illi dak li effettivament taghmel is-socjeta rikorrenti huwa li ssib mezz kif izzomm il-vetturi u tevita li thallas ic-citazzjonijiet u multi pendenti fuqhom. Pero dan mhux l-iskop tas-subbasta u l-multi u citazzjonijiet qatt ma kienu parti mit-titolu esekuttiv li s-socjeta rikorrenti ppruvat tezegwixxi b'dawn il-proceduri.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tal-argument preliminari tal-intimati illi din m'hijiex il-procedura idoneja, is-socjeta rikorrenti argumentat illi skont l-Artikolu 326 (4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta parti interessata tista' titlob ir-revoka contrario imperio tad-digriet bhal dak impunjat.

Il-Qorti rat illi skont l-Artikolu 326 (4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "***Kull min għandu interess jista' jagħmel rikors li bih jitlob lill-qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha li bih tkun awtorizzat it-twaqqif tal-irkant jew tal-liberazzjoni u l-qorti għandha tisma' lill-partijiet b'mod sommarju qabel ma tagħti d-digriet tagħha. Kull digriet bħal dan ma jista' jiġi kkontestat f'ebda qorti.***"

Illi ghalhekk huwa car illi s-socjeta rikorrenti ipprocediet bil-procedura idoneja u ghalhekk dan l-ewwel argument tal-intimati qieghed jigi michud.

Fil-meritu, is-socjeta rikorrenti tikkontendi illi din il-Qorti kienet zbaljata fid-decizjoni taghha ghaliex kienet imsejsa fuq il-fatt illi s-socjeta rikorrenti m'ghandhiex titolu esekuttiv fir-rigward tal-multi u penali, meta fil-verita s-socjeta rikorrenti qatt ma kkontendiet illi hija ghandha tali titolu, izda kienet qed titlob is-subbasta biss sabiex ikun jista' japplika l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward il-Qorti tfakkar illi d-decizjoni taghha ma kienetx ibbazata biss fuq il-kwistjoni tat-titolu esekuttiv. Il-Qorti tirrileva illi fil-kaz de quo, il-karozza in kwistjoni gew akkwistati mill-intimati permezz ta' kuntratt ta' *hire purchase.* Ghalhekk, it-titolu ta' proprjeta fuq dawn il-vetturi kellu jghaddi biss ghand l-intimati meta, u jekk, ihallsu l-ammont kollhu dovut ghalihom. Sadakinhar, dawn il-vetturi jibqu proprjeta tas-socjeta rikorrenti.

Apparti minn hekk, irrizulta, u ma kienx kontestat, illi l-intimat ghaddew lura volontarjament il-vetturi in kwistjoni lis-socjeta rikorrenti. F'kuntratt ta' hire purchase, il-venditur ghandu zewg ghazliet fil-kaz ta' morozita tax-xerrej:

1. li jiehu l-karozza lura,

2. jew li jinsisti fuq il-hlas. Pero il-venditur ma jistghax jiehu l-karozza lura, u wkoll jippretendi l-hlas tal-bilanc ta' karozza li ma tkunx ghada izjed fil-pussess tax-xerrej.

Il-provizo ghall-Artikolu 56 tal-Kapitolu 65 citat mis-socjeta rikorrenti jistipola hekk:

> "*Iżda dan l-artikolu m'għandux japplika fil-każ fejn it-tiġdidta' liċenza, it-tibdil fl-isem tas-sid reġistrat jew it-trasferiment tal-liċenza tal-vettura fir-rigward ta' dik il-vettura jkun seħħ bħala riżultat li dik il-vettura tkun ġiet akkwistata permezz ta' bejgħ b'irkant, li jkun sar taħt l-awtorità tal-Qrati, mill-bejjiegħ oriġinali tal-vettura* ***minħabba fil-fatt li ma jkunx tħallas il-prezz tax-xiri.***"

Ghalhekk huwa car illi dan l-artikolu japplika biss fejn il-venditur ikun qed jiehu passi gudizzjarji ghaliex ix-xerrej ma jkunx hallas il-prezz tax-xiri. F'dan il-kaz, is-socjeta rikorrenti hija prekluza milli taghmel hekk ghaliex ghazlet illi tiehu lura l-vetturi in kwistjoni, u mhux li tipprocedi ghall-hlas taghhom.

Barra minn hekk, il-Qorti terga tirribadixxi illi fi procedura ta' bejgh bis-subbasta jistghu jinbieghu il-hwejjeg tad-debitur. F'dan il-kaz, dak li s-socjeta rikorrenti qed titlob huwa l-bejgh ta' vetturi li jappartjenu lilha stess – u cioe – vetturi li dejjem baqghu proprjeta taghha minhabba n-natura ta' kuntratt ta' *hire purchase*.

Il-Qorti tqis f'dan il-punt huwa utli li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Regina Auto Dealer Limited vs Miller Distributors Limited et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Mejju 2002:

> ***"Illi din il-Qorti taqbel mal-insenjamenti fuq indikati u minn ezami tal-istess kuntratt esebit a fol 5 tal-process jirrizulta li dak il-ftehim huwa hire purchase agreement jew inkella kif komunimament imsejjah f'termini legali pactum com riservata dominii li l-effett tieghu huwa dak deskritt fissentenza fl-ismijiet "V. Bonnett vs G Azzopardi" (A.K. 28 ta' Gunju 1922) fejn intqal li: "In natura intrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih zewg stadji ben distinti. Is-sid ta' l-oggett jittrasferixxi lill-kerrej l-uzu u l-pussess ta' l-oggett ghall-kirja specifika, b'dan li l-proprjeta` ta' l-oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imhallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid ta' l-oggett u l-proprjeta` tieghu ma tghaddix lill-venditur sakemm il-prezz tieghu ma jkunx gie saldat" (vide "G Degiorgio vs E Micallef" - A.C. fis-16 ta' Dicembru 1936 (Vol XXIX.i.1438; "Negozjant Alfredo Muscat vs G Bonnici et" – A.C. 8 ta' Frar 1935 - (Vol XXIX.i.89); "Lieutenant Colonel Robert Strickland vs David Shepherd" (A.C. 21 ta' Jannar 1951 (Vol XXXV.iii.530)).***
>
> ***Illi din il-Qorti taqbel li dan hu l-effett tal-ftehim in kwistjoni a fol 5 tal-process bil-konsegwenza li s-sid u ghalhekk il-proprjetarju tal-vettura in kwistjoni mhwiex Renato Caruana, id-debitur fl-atti kawtelatorji istitwiti mis-socjeta` konvenuta odjerna.***

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-decizjoni fl-ismijiet **Francis Galea vs Andrew Buhagiar** datata 2 ta' Awissu 2016, fejn il-Qorti tal-Magistrati kienet laqghat it-talba ta' Mosta Auto Car Dealer Co. Ltd u rrilaxxat mill-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat minn Francis Galea, wara li rrizulta li din il-vettura kienet giet akkwistata minn Andrew Buhagiar, id-debitur ta' Francis Galea, minghand is-socjeta rikorrenti permezz ta' kuntratt ta' *hire purchase*, u l-prezz ma kienx ghadu saldat. Skont il-Qorti, dan kien ifisser illi l-proprjeta tal-vettura ma kienetx ghadha ghaddiet ghand Andrew Buhagiar, izda kienet ghadha vestita f' Mosta Auto Car Dealer Co. Ltd.

Ghalhekk il-Qorti ttenni li din il-procedura hija monka ghaliex:

1. Is-socjeta rikorrenti ghazlet li tezercita d-dritt taghha li tiehu lura l-vetturi in kwistjoni. Ghalhekk issa ma tistghax tippretendi li tagixxi wkoll ghal hlas tal-bilanc, ghaliex ma tistghax tippretendi li tiehu l-vetturi lura, kif ukoll tithallas il-prezz kollu dovut ghalihom. Minn dan isegwi li l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 65 citat minnha ma jistghax ikun applikabbli, peress illi dan ikun japplika biss jekk il-venditur originali ikun qieghed jitlob il-bejgh bis-subbasta tal-vetturi ghas-saldu tal-hlas tal-prezz pattwit. Kif intqal, f'dan il-kaz dan ma jistghax isir, peress illi s-socjeta rikorrenti cediet id-dritt taghha li titlob il-hlas tal-bilanc li kien ghad hemm pendenti fuq il-vetturi in kwistjoni meta hadet l-istess vetturi lura;

2. Peress illi l-vetturi in kwistjoni kienu gew akkwistat mill-intimati permezz ta' kuntratt ta' hire purchase, mal-kuntratt is-socjeta rikorrenti kienet ghaddiet biss il-pussess u d-dritt ta' uzu ta' dawn il-vetturi, u mhux ukoll it-titolu ta' proprjeta. Il-proprjeta ta' dawn il-vetturi, minhabba n-natura tal-kuntratt ta' *hire purchase*, baqghat vestita fis-socjeta rikorrenti, b'mod li dawn qatt ma saru hwejjeg tal-intimati. Skont il-ligi, permezz tal-proceduri ta' subbasta jistghu jinbieghu biss hwejjeg tad-debitur. F'dan il-kaz, il-vetturi m'humiex, u qatt ma kienu, proprjeta tal-intimati, izda baqghu dejjem proprjeta tas-socjeta rikorrenti. Ghalhekk dak li s-socjeta rikorrenti effettivament qieghda titlob huwa l-bejgh bl-irkant tal-proprjeta taghha stess, li huwa guridikament insostenibbli. Ghalkemm il-Qorti tifhem il-problema li qed taffacja s-socjeta rikorrenti, il-Qorti ma tistghax tikkapovolgi s-sistema tal-bejgh bl-irkant sabiex tagevola lis-socjeta rikorrenti, u tippermetti li jsir dak li huwa guridikament u logikament insostenibbli.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta rikorrenti tas-17 ta' Jannar 2018.**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' Frank Borda Limited.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**